

# Alfonso Maria Galea

## 1861 - 1941

kitba ta' **Joseph C. Camilleri**
traduzzjoni ta' **Joseph Borg B.A. (Gen)**

Alfons Maria Galea twieled il-Belt Valletta fit-23 ta' April 1861 u ħa l-ewwel tagħlim fid-dar tal-ġenituri tiegħu flimkien ma' ħuh, li aktar tard sar Ġiżwita. Kien jgħallimhom il-kittieb magħruf Annibale Preca u wara li studjaw għal tmien snin għand il-Ġiżwiti ta' Għawdex attendew il-kulleġġ tal-Freres f'Marseilles. Meta missieru irtira fl-1881, Alfons li issa kellu 19-il sena ħa f'idejh in-negozju tad-drappijiet. Is-Sur Fons iltaqa' ma'dik li kellha tkun martu f'okkażjoni ta' karità max-xjuħ fl-Istitut ta' Fra Diegu.



Fl-1893 iżżewweġ lil Elizabeth Asphar u mar jgħix f'Tas-Sliema. Il-familja Asphar kienet mill-Indja u kellha n-negozju tad-drappijiet u ħaġar prezzjuż.

Billi s-Sur Fons kellu negozju tajjeb imma baqa' bla wlied qassam ħafna mill-ġid tiegħu lill-istituti tal-karità. Huwa ta l-art sabiex jitwaqqaf l-Istitut tas-Sależjani ta' Don Bosco f'Tas-Sliema. Wara li ġie inawgurat il-bini fl-1904, l-Istitut serva bħala ċentru ta' rikreazzjoni u biex jiġbor is-subjien li kienu jgħixu hemmhekk.

Fl-1908 fetaħ il-Juventutis Domus ul-Oratorju tas-subjien għat-tagħlim tad-Duttrina. Imma Galea ħaseb ukoll għal ċentru fejn jitgħallmu l-bniet. Fl-1939 waqqaf l-Istitut ta' Santa Eliżabetta tas-Sorijiet Franġiskani f'Tas-Sliema. Ta donazzjonijiet ukoll lill-Isptar tal-Blue Sisters u pprovda l-għajnuna finanzjarja meħtieġa lill-Kunvent tal-Bon Pastur, f'Ħal Balzan.

Galea ta sehmu wkoll fil-missjoni. Meta fl-1896 inħatar bħala teżorier fil-Kumitat tal-Missjoni ntebaħ li biex in-nies jikkontribwixxu jridu jkunu konxji tal-faqar li hawn fid-dinja u dan wasslu biex jibda jippubblika l-*Annali tal-Propagazzjoni tal-Fidi* li kien joħroġ darba fix-xahar.

Alfons Maria Galea nħatar Senatur u serva fis-snin 1921-27. Għal bosta snin kien il-President ta' l-Anglo-Maltese Bank u aktar tard fl-1915 laħaq it-Teżorier tal-Kurja ta' l-Isqof.

Illum Alfons Maria Galea huwa magħruf l-aktar għall-pubblikazzjonijiet tiegħu bil-Malti li kellhom l-għan li jedukaw u jgħallmu lill-poplu bla skola, b'mod speċjali lill-fqar. Bis-saħħa ta' Annibale Preca, Galea beda jikteb bil-Malti u l-ewwel xogħol tiegħu kien it-traduzzjoni ta' stejjer qosra mit-Taljan. Fil-fatt ix-xewqa kbira tiegħu kienet li jirtira min-negozju u l-kummerċ u jiddedika ħajtu għall-kitba. F'Settembru ta' l-1899 beda joħroġ il-*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* li saru popolari ħafna tant li baqa' jippubblikahom sa l-1915 san-numru 150.

F'din is-sensiela tal-*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* insibu r-raba' edizzjoni tar-rumanzett popolari *Ġenoveffa* ta' Dun Amabile Sisner, il-Kappillan li dam imexxi l-Parroċċa ta' Ħal Balzan għal seba' u għoxrin sena sħaħ. Fl-1900 Sisner ħareġ il-*Ħajja ta' San Franġisk Saverju - Appostlu ta' l-Indja* u ddedikah lis-Sur Fons, li dak iż-żmien kien it-teżorier ta' l-opra missjunarja "Propaganda Fide". Fl-1904 Sisner ippubblika ktieb ieħor fis-sensiela tal-*Mogħdija taż-Żmien: Mit-Tieġ għall-martirju* (għadd 32) u s-sena ta' wara *Vjoli u Ġiżimin* (għadd 49). F'għadd numru 60 insibu l-itwal poeżija ta' Dun

Amabile Sisner *Lill-Ħanina Omm Alla Consolatrix Afflictorum*.

Is-Sur Fons issokta jippubblika x-xogħlijiet tiegħu għal ħdax-il sena, il-biċċa l-kbira minnhom bijografiji ta' persuni li għexu ħajja qaddisa. Huwa ttraduċa wkoll uħud mill-Kotba Mqaddsa mil-Latin għall-Malti fosthom *Ktieb il-Qwiel, Is-Salmi, L-Għanja ta' l-Għanjiet, Ġob, Iżaija, Il-Kotba tas-Slaten* u *Il-Kotba tal-Makkabin* hekk li f'medda ta' sitt snin bejn l-1926 u l-1932, flimkien ma' Dun P.P. Magri u Dun P.P. Saydon ġiet tradotta l-Bibbja kollha bil-Malti. Meta ħareġ l-aħħar ktieb, *Il-Ktieb ta' Baruk*, is-Sur Fons kiteb b'sodisfazzjon: "F'ħajjet Alla issa għandkom il-Kotba kollha tal-Bibbja bil-Malti... minnkom jonqos jekk ma taqrawhomx. Il-kelma tagħhom hi l-kelma ta' Alla, u mhux le tal-bnedmin li kitbuhom."

Alfons Maria Galea miet nhar it-30 ta' Lulju 1941 fil-Kunvent tal-Bon Pastur fl-età ta' tmenin sena.

## Bibljografija


Carmel Bezzina, "Dun Amabile Sisner" **Ħal Balzan** Mejju-Ġunju 1973: pp 2-3

Louis Grasso, *Alfons Maria Galea*, bijografija (1992)

Amabile Mamo, *Is-Sur Fons Maria Galea* (1945)

Dun Karm Sant, *Ix-Xogħol ta' Mons. P.P. Saydon fl-Istorja tat-Traduzzjonijiet bil-Malti tal-Bibbja* (1982)

Michael J. Schiavone u Louis J. Scerri, *Maltese Biographies of the Twentieth Century*, PIN (1997).